**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 69 – IT-TNEJN 23 TA' MEJJU 2011**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Carmel Caruana | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.

1.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru tmienja u sittin (68) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

## 2. KORRISPONDENZA.

Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn l-10 ta' Mejju u t-23 ta' Mejju 2011.

2.1 Il-VIċi-Sindku Yvonne Bartolo staqsiet fuq il-korrispondenza Nru.1203/11. IL-Kunsill Malti għall-Isport staqsa lill-Kunsill meta kien sejjer jibda l-courses ta' l-Aerobics u l-Pilates.

2.2 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1206/11. Konferma li bagħat id- Dipartiment tal-Gvern Lokali fejn estenda l-kuntratt tas-Segretarju Eżekuttiv għal tlett xhur oħra.

2.3 Il-Kunsillier Carmel Caruana staqsa fuq il-korrispondenza Nru. 1226/11. L-Enemalta ikkonfermat li rċeviet l-applikazzjoni tal-Kunsill fuq id-dwal ġodda ta' Pjazza Ninu Cremona.

2.4 Il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo staqsiet fuq il-korrispondneza Nru. 1231/11. Id-Dipartiment tal-Gvern Lokali permezz ta' Memo 44/2011 ħareġ skema ta' għajnuna finanzjarja għall-korsijiet "Lifelong Learning"

2.5 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 1278/11. Ditta privata tal-Computers kienet qed toffri courses tal-Computers għat-tfal ta' bejn il-5 u l-10 snin taħt l-iskema e-Tfal.

2.6 Il-Kunsillier Carmel Caruana staqsa fuq il-korrispondenza Nru. 1292/11. Il-Calypso Radio kien qed jagħti l-opportunita' lill-Kunsilli Lokali jagħmlu programm fuq ir-radio imma bi ħlas.

Doc. A u B anness

## 3. ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn l-10 ta' Mejju u t-23 ta' Mejju 2011, kif tidher annessa bħala document C.

3.2 Rigward rapport Nru. 1437205 li trakk kisser biċċa bankina fi Triq il-Mużika; il-Kunsill sejjer jinvestiga u jieħu passi.

3.3 Rigward ilment Nru.142950 dwar tappiera tad-drenaġġ fi Triq in-Naxxar li kull meta jgħaddu l-karozzi qed tħabbat u hija inkonvenjent għar-residenti. Il-Kunsill diġa bagħat rapport lil-W.S.C.

3.4 Rigward ilment Nru. 143792 dwar vann abjad mingħajr number plates li ilu hemm ġimgħat sħaħ; ġejna infurmati li dan tneħħa.

3.5 Rigward talba Nru. 143947 biex Ġuże Pesci tiġi "one-Way" bil-kontra minħabba li min ikun tielgħa minn maġenb il-Knisja

jsib il-karozzi ma' wiċċu. Il-Kunsill mhux tal-fehma li għalissa din tinbidel.

3.6 Rigward ilment Nru. 143952 li fi Pjazza Ninu Cremona filgħaxija jkun hemm ipparkjar bl-addoċċ. Biex jintbagħtu l-Wardens. Il-Kunsill qed jinvestiga dan il-kaz.

3.7 Rigward ilment Nru 144051. Residenta qed tilmenta li qed ikollha problemi biex toħroġ mid-drive minħabba li jipparkjawlha quddiem id-drive. Il-Kunsill diġa kiteb lit-Trasport Malta fuq kaz simili u qed jistenna risposta.

3.8 Rigward ilment Nru. 144181 dwar cables tad-dawl fuq residenza minn Triq Censu Bugeja mitfugħin bl-addoċċ. Il-Kunsill għamel rapport lill-Enemalta.

3.9 Rigward talba Nru 144183 minn residenta minn Triq Ċensu Busuttil biex isiru "d-double yellow-lines fil-kantuniera għaliex qed jipparkjawlha eżatt mal-garaxx u faċċata. Il-Kunsill sejjer jinvestiga u jieħu passi.

3.10 Rigward talba Nru. 144187 biex residenta minn Triq Ċensu Busuttil titkabbrilha l-kaxxa ta' quddiem il-garaxx għaliex jipparkjaw eżatt mad-daħla. Il-Kunsill sejjer jinvestiga u jieħu passi.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa w issekondah il-Kunsillier Ronnie Cauchi. Kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

4.3 Dawn ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli, il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo u l-Kunsilliera Ronnie Cauchi, Margaret Zammit u Carmel Caruana.

4.4 Wara s-Segretarju ippreżenta Rendikont tal-Jum il-Mara liema ħarġa saret fis-16 ta' Marzu 2011.
Dan ġie approvat unanimament. Doc E.

## 5. MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA` TA' L-IPPJANAR.

5.1 l-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 02169/10. 30, Amiga, Triq Richard Taylor. Biex tiġi approvata l-pjanta tas-sid ta' qabel, alterazzjonijiet ġewwa fl-ewwel sular, bini tat-tieni sular u taraġ għal bejt.
L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.3 Dwar PA 04965/10. 16, Warda, Triq il-Plejju. Alterazzjonijiet fuq barra tal-bungalow biex jaqblu mal-Policies il-ġodda, Biex jiġi approvat l-aċċess għall-garaxx u l-bini l-ġdid minħabba l-formazzjoni tat-triq. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.4 Dwar PA 03468/10. Sit fi Sqaq Ġarda. Tiġdid tal-permess PA 3003/04. Bini ta' ħajt madwar u rixtellu. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi approvata.

5.5 Kien hemm applikazzjonijiet ġodda:
1. PA 00260/11. Biex titwaqqa' l-kamra tal-ħasil u jinbena sular fit-tieni livell u kmamar tal-ħasil. Anthony, Triq il-Klin
2. PA 0027211. Biex titwaqqa' l-bungalow u jinbnew żewg semi-detached bungalows bil-garaxxijiet u swimming-pools. Jafim, Triq Enrico Naudi c/w Giorgio Locano.

## 6. TIĠDID TAL-POLZA TA' L-ASSIGURAZZJONI TAL-KUNSILL LOKALI.

6.1. Is-Sindku Anthony Dalli qal li l-Kunsill irċieva żewġ invoices biex jitħallsu l-poloz tal-Assigurazzjoni,
waħda kienet tal-"Personal Accident (Groups) li din is-sena kienet t'ammonta għal-€476.15 u l-oħra kienet għal-"Small and Medium Enterprise" li kienet ta' €1206.41.
Dawn naqsu xi ftit mis-sena l-oħra wara lis-Segretarju kien irreveda l-ammonti kollha tal-poloz biex jaġġorna l-valuri ta' l-assi tal-Kunsill.
Is-Sindku għadda għal-approvazzjoni tagħhom. Kulħadd qabel li dawn għandhom jitħallsu.

.

## 7. IL-PERMESS TAL-MEPA PA 0590/09 – IL-PROĠETT TA' TRIQ SAN MIKIEL.

7.1 Is-Sur Dalli ħabbar lis-seduta mill-Board tad-DCC għall-approvazzjoni ta' dan il-proġett tal-Kunsill Lokali kien iffissat għal-1 ta' Ġunju 2011. Huwa kellu informazzjoni li dan huwa irrikomandata għall-approvazzjoni.

7.2 Għaldaqstant qiegħed tintalab laqgħa mad-Direttur tal-Artijiet biex nipproċedu ħalli joħroġ it-Tender għal-bini tal-proġett.

## 8. APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT AMMINISTRATTIV 2010.

8.1 Is-Segretaru ressaq dan ir-Rapport fejn spiega l-kontenut tiegħu.
Dan jiġbor fih x-xogħlijiet kollha li saru s-sena l-oħra; Diskors qasir ta' introduzzjoni mis-Sindku; ir-Rapport Amministrattiv tas-Segretarju, Ritratti tax-xogħlijiet u l-Financial Statements għeluq is-sena 2010 approvat mill-Awdituri tal-Gvern.

8.2 Wara li dan ġie ċ-ċirkolat mal-Kunsilliera , għadda għall-approvazzjoni fejn ġie approvat unanimament.

8.3 Is-Segretarju ressaq ukoll il-Financial Statements 2010 li kienu ntbagħtu lill-Awditur għall-approvazzjoni fi Frar li għadda.
Wara li dawn ntbagħtu lura għall-korrezzjoni, saru t-tibdiliet meħtieġa mill-Accountant tal-Kunsill.
Għaldaqstant is-Segretarju talab lill-Kunsill biex dawn jergħu jiġu approvati mill-ġdid.
Il-Kunsill approva unanimament dawn il-Financial Statements.

## 9. PROĠETT TA' TISBIEH TA' TRIQ IL-ĦWAWAR.

9.1 Is-Sindku Anthony Dalli ħabbar li wara li kien sejjer jinbeda il-proġett ta' tisbieh ta' Triq Patri Marjanu Vella c/w Triq Ċensu Busuttil. Issa sejrin ngħaddu għall-proġett ieħor simili li kien possibbli isir minn flus taħt l-iskema "Urban Improvement Fund tal-Mepa.

9.2 Il-Perit tal-Kunsill kien diġa ipprepara l-pjanti kollha u l-istimi taħt din l-istess skema, liema somma sejra tlaħħaq madwar €40,000 u dawn joħorġu wkoll mill-istess skema. Il-Kunsill diġa għandu l-permess tal-Mepa iżda għad jonqos li nibgħatu l-applikazzjoni lill-Mepa biex jiġu approvati l-fondi.

## 10. KUMNIKAZZJONI MIS –SINDKU.

10.1 Is-Sindku Anthony Dalli ħabbar li l-Kunsill Lokali irċieva Memo 43/2011 "Skema ta' Finanzjament Speċjali Ghas-Sena 2011", (xogħlijiet l'jridu jsiru fit-2012) fejn il-Kunsill tagħna, barra proġetti oħra, sejjer japplika għall-fondi biex jaħdem fuq il-kontroll ta' l-ilma tax-xita
minn ħdejn ir-roundabout ta' Triq San Mikiel, niġbru l-ilma li jinżel minn Triq il-Wied u ngħadduh ġo culvert għal Triq in-

Naxxar fejn jaqbad ma' l-Istorm Water National Project ta' Malta.

10.2 Is-Sur Dalli irrefera wkoll għal-Memo 44/2011 " Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għal-Korsijiet *Lifelong Learning*" Id-Dipartiment kien qed joffri ħlas ta' Courses fil-lingwi barranin inkluz il-Malti sa massimu ta' €4,000. Hemm kors ieħor ta' *Energy Saving Initiatives at Home* li jkun ta' benefiċċju għar-residenti tagħna.

10.3 Għaldaqstant il-Kunsill sejjer japplika għal-korsijiet kollha bħala bidu u biex kollha jsiru dan jiddependi mill-ammont ta' studenti li japplikaw.

10.4 Is-Sur Dalli semma wkoll li konna ktibna lit-Trasport Malta fuq iż-żewġ toroq ta' Richard Taylor u May Butcher biex dawn jidħlu fil-lista ta' toroq li għadhom ma sarux.

10.5 Is-Sur Dalli għamel riferenza li l-Kunsill sejjer japplika għall-attivitajiet kollha skond il-Memo 43/2011.

10.5 Qabel ma spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn 13 ta' Ġunju 2011 fil-5.30pm.

10.6 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill ta' nhar it-Tnejn 13 ta' Mejju 2011 fil-5.30pm.

10.7 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-6.30pm.

.

**Anthon Dalli**
Sindku

**Alfred Naudi**
Segretarju Eżekuttiv.